31999R2745

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2745/1999
tas-17 ta' Diċembru 1999
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa Komuntarji awtonomi għal xi prodotti tal-biedja u ndustrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kumissjoni,

Billi:

(1) Bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2505/96 [1], il-Kunsill fetaħ kwoti tat-tariffa Komunitarji għal xi prodotti tal-biedja u ndustrijali; id-domanda tal-Komunità għall-prodotti in kwistjoni għandha tintlaħaq skond il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli; l-kwoti tat-tariffa Komunitarji għandhom għalhekk jiġu miftuħa b'rati mnaqqsa jew żero għal volumi xierqa, u miżjuda jew estiżi fil-każ ta' xi kwoti tat-tariffa eżistenti, waqt li jevitaw xi tfixkil għas-swieq għal dawn il-prodotti;;

(2) M'għadux iktar fl-interess tal-Komunità li tinżamm kwota tat-tariffa Komunitarja fuq xi prodotti koperti mir-Regolament fuq, u dawk il-prodotti għandhom għalhekk jitneħħew mill-iskeda fl-Anness I;

(3) In vista tan-numru kbir ta' emendi li jiġu effettwati fl-1 ta' Jannar 2000 u sabiex jiġu kjarifikati l-kwistjonijiet għal minn jużahom, l-iskeda fl-Anness I mar-Regolament fuq għandha tiġi mibdula bl-iskeda fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

(4) Wara li kkunsidra l-importanza ekonomika tar-Regolament imsemmi għall-industrija Ewropea u l-ħtieġa li tiġi nfurzata fl-1 ta' Jannar 2000, hu neċessarju li tiġi nvokata l-bażi ta' l-urġenza msemmija fil-punt I(3) tal-Protokoll addizzjonali tat-Trattat ta' Amsterdam dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea;

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2505.96 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-perjodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sal– 31 ta' Diċembru 1999, l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu jiġi emendat kif ġej:

— in-numru ta' l-ordni 09.2711: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 1 035 000 tunnellata,

— in-numru ta' l-ordni 09.2939: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 135 000 000 unitajiet,

— in-numru ta' l-ordni 09.2943: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 60 000 000 unitajiet,

— in-numru ta' l-ordni 09.2944: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 48 000 000 unitajiet,

— in-numru ta' l-ordni 09.2959: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 60 000 tunnellata,

— in-numru ta' l-ordni 09.2966: l-ammont tal-kwota tat-tariffa għandu jiġi mibdul għal 12 000 tunellata.

Artikolu 2

L-iskeda fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandha tiġi mibdula bl-iskeda li hemm fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000, ħlief għall-Artikolu 1 li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1999.

[1] ĠU L 345, tal-31.12.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1969/1999 (ĠU L 244, tas-16.9.1999, p. 38).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

K. HEMILÄ

L-ANNESS

Nru *ta'* l-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Amount	of quota Quota duty (%)	Quota period
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi tal-vanadium u idrossidi għall-produzzjoni ta' liga(A) [a]	13 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2711	ex 7202 41 10 ex 7202 41 91 ex 7202 41 99	—	Ferro-kromju li għandu bil-piż iktar minn 4 % karbun għall-manufattura ta' ħadid jew azzar tal-Kapitolu 72 tan-Nomenklatura Magħquda [a]	1 035 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2713			Ċiras ħelu, marinat fl-alkoħol, ta' dijametru li ma jaqbiżx 19.9mm, mingħajr l-għdma, intiż għal manufattura ta' prodotti taċ-ċikkulata [a]	2 000 tunnellati		1.1. - 31.12
	ex 2008 60 19	10	— b'kontenut taz-zokkor li jaqbeż id-9 % bil-piż		10 [1]	
	ex 2008 60 39	11/19	— b'kontenut taz-zokkor li ma jaqbiżx id-9 % bil-piż		10	
09.2719			Ċiras qarsin (*Prunus cerasus*), marinat fl-alkoħol, ta' dijametru li ma jaqbiżx 19.9 mm, intiż għall-manufattura ta' prodotti taċ-ċikkulata [a]	2 000 tunnellati		1.1. - 31.12
	ex 2008 60 19	20	— b'kontenut taz-zokkor li jaqbeż id-9 % bil-piż		10 [1]	
	ex 2008 60 39	20	— b'kontenut taz-zokkor li ma jaqbiżx id-9 % bil-piż		10	
09.2727	ex 3902 90 90	93	*Poly-alpha-olefin* sintetiku li għandu viskosità ta' mhux anqas minn $38x10^{-6}$ m^2 s^{-1} (38 *centistokes*) fi 100 °C, miżuri li jużaw il-metodu ASTM D 445	7 500 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2729	ex 0811 90 95	10	*Boysen berries* preservati bl-iffriżar, li ma għandhomx zokkor miżjud, għall-industrija tal-ipproċessar [a]	1 500 tunnellati	12	1.1. - 31.12
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li għandu 1.5 % jew iktar Iżda li ma jaqbiżx is-70 % kromju bil-piż	35 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2809	ex 3802 90 00	10	Montmorillonite attivat bl-aċidu għal manufattura ta' karta li tista tikko-ja minnha nnifisha [a]	10 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2829	ex 3824 90 95	19	Estratt solidu tar-residwi li ma jinħallux f'solventi aliphatic waqt l-estrazjoni ta' reżina mill-injam, li għandu dawn il-karatteristiċi: — reżina b'kontenut ta' aċidu li ma jaqbiżx it-30 % bil-piż — numru ta' aċidu li ma jaqbiżx l-110, u — punt ta' dewbien ta' mhux anqas minn 100 °C	1 600 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2837	ex 2903 49 80	10	Bromochloromethane	700 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2841	ex 2712 90 99	10	Taħlita ta' 1-*alkenes* li għandha 80 % bil-piż jew aktar ta' 1-*alkenes* ta' tul ta' katina ta' 20 u 22 atomi tal-karbun	10 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12

[1] Id-dazju addizzjonali speċifiku huwa applikabbli.

[a] Kontroll tal-użu għal dan il-għand speċjali għandu jsir in segwitu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

Nru *ta'* l-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Amount	of quota Quota duty (%)	Quota period
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi *Auricularia polytricha* (mhux imsajjrin jew imsajjrin bil-fwar jew tgħolija), iffirżati, għal manufattura ta' ikliet preparati [a] [b]	700 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2851	ex 2907 12 00	10	*o-Cresol* li għandu purità ta' mhux anqas minn 98.5 % bil-piż	13 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2853	ex 2930 90 70	35	Glutathione	15 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2859	ex 2909 49 90	10	2,2'-Isopropylidene-bis (p-phenyleneoxy) diethanol, f'forma solid	1 300 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2867	ex 3207 40 80	10	Ħġieġ granulat, li għandu bil-piż: — 73 % jew aktar iżda mhux aktar minn 77 % ta' dijossidu tas-silikon — 12 % jew aktar iżda mhux aktar minn 18 % ta' dibroron dijossidu u — 4 % jew aktar iżda mhux aktar mionn 8 % ta' polyethylene glycol	310 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2881	ex 3901 90 90	92	Chlorosulphonated polyethylene	6 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2889	3805 10 90	—	Turpentina sulphate	20 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2913	ex 2401 10 41 ex 2401 10 49 ex 2401 10 50 ex 2401 10 70 ex 2401 10 90 ex 2401 20 41 ex 2401 20 49 ex 2401 20 50 ex 2401 20 70 ex 2401 20 90	10 10 10 10 10 10 10 10 10 10	Tabakk naturali li mhux manufatturat, sewwa jekk maqtugħ f'daqs regolari jew le, li għandu valur doganali ta' mhux anqas minn 450E/100 kg piż nett, intiż għall-użu biex jorbot jew igeżwer għal manufattura ta' prodotti li huma taħt is-subintestatura 2402 10 00 [a]	6 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2914	ex 3824 90 95	26	Soluzzjoni likwida li fiha bil-piż mhux anqas minn 40 % ta' estratt betaine u 5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 30 % bil-piż ta' melħ organiku jew inorganiku	38 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2915	ex 3824 90 95	27	Dijossidu tas-silikon li għandu purità ta' 99 % jew aktar bil-piż f'forma ta' partikoli f'għamla ta' sferi mxerrdin f'monoethylene glycol	60 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2917	2930 90 14	—	Cystine	600 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2918	ex 2910 90 00	50	1,2-Epoxybutan	500 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2919	ex 8708 29 90	10	Bellows li jintwew għal manufattura ta' xarabankijiet artikolati [a]	2 600 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2933	ex 2903 69 90	30	1,3-Dichlorobenzene	2 600 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2935	3806 10 10	—	Rosin u aċidi tar-reżina, miksuba minn oleoresins friski	60 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2935	3806 10 10	—	Rosin u aċidi tar-reżina, miksuba minn oleoresins friski	50 000 tunnellati	0	07.01.- 31.12
09.2936	ex 3815 90 90	45	Katalisti f'forma ta' trab, li jikkonsistu minn ossidji tal-vanadju u fosfru, li għandhom bil-piż mhux aktar minn 0.5 % ta' waħda mill-elementi segwenti: litju, potassju, sodju, kadmju jew żingu, għall-użu fil-manufattura ta' maleic anhydride mill-butane [a]	100 tunnellati	0	1.1. –tat-30.6.2000

[a] Kontroll tal-użu għal dan il-għand speċjali għandu jsir in segwitu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

[b] Iżda l-kwota tariffarja mhix permessa meta l-ipproċessar isir minn impriżi tal-imnut jew tal-ikel.

Nru *ta'* l-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Amount	of quota Quota duty (%)	Quota period
09.2939	ex 8543 89 95	43	Oxillatur kontrollat bil-vultaġġ (*VCO*), li mhux oxillatur li hu kumpensat bit-temperatura, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi muntati fuq cirkuwitu stampat, li huwa ġo qafas li għandu: — marka ta' identifikazzjoni ta' jew li tinkludi waħda minn dawn il-kumbinazzjonijiet alfanumeriċi: 1012TDK, 1019TDK, EK304, MQC403, MQC404, MQE001, MQE041, MQE042, MQE051, MQE201, MQE411, MQE501, URAE8X956A, URAB8, RAE8X960A, VD2S40, VD2S41, VD5S07 — jew marki ta' identifikazzjoni oħrajn li jirrelataw ma' tagħmir li jikkonforma mad-deskrizzjoni ta' hawn fuq	135 000 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2945	ex 2940 00 90	10	D-Xylose	800 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2947	ex 3904 69 90	95	Poly(vinylidene fluoride), f'forma ta' trab, għal preparazzjoni ta' żebgħa jew varniċ biex jinkes' l-metall [a]	1 300 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2949	ex 8543 89 95	44	Oxillatur kumpensat bit-temperatura, li jikkosisti f'ċirkuwitu stampat li fuqu hemm kristalla *piezo-electrical* u kapaċitatur aġġustabbli, li huwa f'qafas li għandu: — marka ta' identifikazzjoni li tikkonsisti minn jew tinkludi waħda mill-kumbinazzjonijiet alfanumeriċI segwenti: 3211A-ANF50, 5111B-ANL51, TCXO-111, TXO2603 — jew marki ta' identifikazzjoni oħra li jirrelataw ma' tagħmir li jikkonforma mad-deskrizzjoni ta' hawn fuq	12 000 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2950	ex 2905 50 20	20	2-Chloroethanol għal manufattura ta' thioplasts likwidi tas-subintestatura 4002 99 90 [a]	4 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2954	ex 2926 90 99	55	3-(Trifluoromethyl) phenylacetonitrile	100 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamone (OSI)	200 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2957	ex 8507 90 98	10	Landa ċilindrika stampata, tal-azzar li mhuix liga, post-nickel-plated, għal-akkumulatur, ta' dijametru ta' 13 mm jew aktar iżda li ma jaqbiżx 17 mm, u għoli ta' 27 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx 70 mm	70 000 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2959	ex 4804 41 91 ex 4804 41 99 ex 4804 51 90	10 10 10	Karta u paperboard kraft, li tiżen aktar minn 15 g/m^2, li tikkonsisti biss minn fibri verġni mhux illamtati miksuba bil-proċess kimiku sulfat, għal manufattura ta' prodotti li huma fl-intestatura 3921 [a]	45 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2964	ex 5502 00 80	20	Stoppa tal-filament taċ-ċelluloži prodott bil-brim ta' solvent organiku (*Lyocell*) għall-użu tal-industrija tal-karta [a]	1 200 tunnellati	0	1.1. - 31.12

[a] Kontroll tal-użu għal dan il-għand speċjali għandu jsir in segwitu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

Nru *ta'* l-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Amount	of quota Quota duty (%)	Quota period
09.2966	ex 2839 19 00	20	Disodium disilicate kristallin, li għandu bil-piż: — 59 % jew aktar ta' silicondioxide, u — 30 % jew aktar ta' ossidju disodium	12 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benzophenone-3,3′:4.4-tetracarboxylic dianhydride	500 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2976	ex 8407 90 10	10	Magni tal-petrol four-stroke ta' kapaċità ċilindrika li ma taqbiżx 250cc, għall-użu fil-manufattura ta' *magna li taqta' l-ħaxix*tas-subintestatura 8433 11 [a]	900 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2977	ex 3204 17 00	20	Żebgħa C. I. Pigment Blu 6.1	600 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2978	ex 4804 52 90	10	Karta u paperboard kraft, illamtata uniformiment fil-massa, bil-piż ta' 250 g/m^2 jew aktar, għall-użu fil-manufattura ta' reċipjenti ta' ikel likwidu [a]	48 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2979	ex 7011 20 00	15	Pjanċa tal-ħġieġ b-qies dijgonali minn tarf ta' barra sal-ieħor ta' 80.9 (± 0.2) ċm u li għandha trasmissjoni tad-dawl ta' 80 % (± 3 %) bi ħxuna tal-ħġieġa ta' 11.43 mm	200 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2980	ex 4810 32 10 ex 4810 32 90	10 10	Karta u paperboard kraft f'rombli, illamtata uniformiment fil-massa, miksija minn naħa l-waħda bil-kaolin u/jew kalċju karbonat li tiżen aktar minn 15 g/m^2 iżda anqas minn 400 g/m^2, għall-użu tal-manufattura ta' reċipjenti ta' ikel likwidu [a]	52 000 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2981	ex 8407 90 80 ex 8407 90 90	10 10	Magni b'pistons ta' kombustjoni nterna spark-ignition reciprocating jew rotary, li għandhom kapaċità ċilindrika ta' anqas minn 300 cc u forza ta' mhux anqas minn 6 Iżda ma taqbiżx 15.5 kW għal manufattura ta' magna li taqta' l-ħaxix li huma *self-propelled*, b'sedil (*tractor mowers*) tas-subintestatura 8433 11 51 [a]	210 000 kejl	0	1.1. - 31.12
09.2982	ex 2903 69 90	20	1.2-Bis (penthabromophenyl) ethane	4 500 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2983	ex 2909 30 38	10	Bis (penthabromophenyl) ether	6 200 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2984	ex 4811 29 00	10	Karta kraft li hija magħmulha primarjament minn fibri verġni magħġna polpa li hija ġejja mill-proċess kimiku tas-sulfat, miksija f'naħa waħda b'adeżiv (taxxama) bażat fuq il-lamtu tal-qamħirrun: — mhux imsaħħa, li għandha piż ta' mhux anqas minn 48 grammi/m^2 iżda mhux aktar minn 93 grammi/m^2 — imsaħħa, li għandha piż ta' mhux anqas minn 130 grammi/m^2 iżda mhux aktar minn 210 grammi/m^2 f'forma ta' rombli li għandhom wisgħa ta' mhux anqas minn 150 ċm, għal qtugħ u li tnaqqis f'rombli tas-subintestatura 4823 19 00 (a) 6200 tunnellata [a]	150 tunnellati	0	1.1. - 31.12
09.2985	ex 8540 91 00	33	Maskri ċatti ta' 691.6 mm (± 0.2 mm) tul u għoli ta' 407.7 mm (± 0.2 mm) b'wisa' tal-ixquq fit-tarf tal-assi vertikali ċentrali ta' 155 micrometer (± 8 micrometer)	150 000 kejl	0	1.1. - 31.12

[a] Kontroll tal-użu għal dan il-għand speċjali għandu jsir in segwitu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.